MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 171/2014

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewwgu fit-tnejn (2) ta' Frar elf disa' mija disgha u sittin (1969) registrat bin-numru progessiv tnejn erbgha tlieta zbarra tas-sena

elf disa’ mija disgha u sittin (243/1969) u minn dan iz-zwieg twieled tifel li llum huwa maggorenni;

Illi l-partijiet huma legalment separaie b’kuntratt ippubblikat minn Nutar Francesca Schwalbe fis-sitta (6) ta’ Novembru elfejn u tlettax (2013) (DOK A);

Illi l-partijiet ilhom madwar ghoxrin (20) sena jghixu hajja separata;

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi r-rikorrenti jhallas mitt ewro €100 fix-xahar bil-quddiem bhala manteniment lill-intimata u m’hemm ebda kwistjonijiet fuq hlas ta’ manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta’ divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Mejju, 2013;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx u ma ipprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta’ Novembru 2013, izda ilhom madwar ghoxrin (20) sena de facto separati;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------